MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR MALTA

## GUDIKATUR DR. DEMICOLI AUDREY

Seduta ta' 30 ta' Ottubru, 2002

Talba Numru. 2238/2002

**Avviz Numru 2238//02 AJD**

**S. Rausi Trading Limited**

**vs**

**Thomas Pisani**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-17 ta' Settembru, 2002, fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' sitt mija u wiehed u sebghin lira Maltin u hamsa u tletin centezmu (Lm671.35) rapprezentanti prezz ta' merkanzija mibjugha u kkonsenjata lill-konvenut mis-socjeta' attrici.
Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittra bonarja tas-17 ta' Awissu 2002 u dawk tal-Mandat ta' Qbid prezentat kontestwalment mal-Avviz, u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut.

Ra li l-konvenut debitament notifikat, baqa’ ma deherx u lanqas ma prezenta risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta’ Dr. Jean Scerri  in rappresentanza tas-socjeta’  attrici, li kkonferma li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esbiti.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’’ sitt mija u wiehed u sebghin lira Maltin u hamsa u tletin centezmu (Lm671.35), bl-imghaxijiet legali pagabbli mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta' dina l-istanza, inkluzi dawk tal-Mandat ta’ Qbid prezentat kontestwalment mal-Avviz, ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-Ligi.

**Avukat Dr. Audrey J. Demicoli**
**Gudikatur.**